**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 04 ta' Ottubru, 2016**

**Rikors Guramentat Nru: 853/2007 AF**

**Joseph Demicoli**

**vs**

**Marco Desira**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Joseph Demicoli, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Fis-26 ta' Ottubru 2006, ir-rikorrent kien qed isuq il-motorcycle Nru. FAN 618, proprjetà tieghu gewwa Hompesch Road, Fgura meta dan safa' involut f'incident awtomobilistiku mal-vettura EAE 906 misjuqa mill-intimat (Dok. JD1).

Ghall-incident u konsegwenzjali danni kien jahti unikament l-intimat minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Konsegwenza ta' dan l-incident, ir-rikorrenti garrab "*damnum emergens*" li kienu jinkludu l-hsara tal-motorcycle tieghu,

spejjez ta’ tobba u specjalisti, u telf iehor li jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Konsegwenza tal-griehi gravi li garrab konsegwenza tal-istess incident, ir-rikorrent sofra wkoll “*lucrum cessans*” minhabba debilità permanenti riskontrata u accertata (Dok. JD2).

Minkejja li l-intimat kien interpellat sabiex jaghmel tajjeb ghad-danni tar-rikorrent, huwa baqa’ inadempjenti.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara lill-intimat unikament responsabbli ghall-incident fuq deskritt u ghad-danni kollha li bhala konsegwenza tal-istess garrab ir-rikorrent.

2. Tillikwida d-danni kollha tar-rikorrent, occorrendo bl-opra ta’ periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrent dak l-ammont li jigi dikjarat bhala dovut lilu in linea ta’ danni.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tas-17 ta’ Novembru 2006, dawk tal-ittra ufficjali prezentata llum kontestwalment ma’ dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-inimat skond Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, u bl-imghax legali kontra l-intimat li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata ta’ Marco Desira li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Huwa minnu illi fis-26 ta’ Ottubru 2006 waqt li l-esponenti kien qed isuq il-vettura numru EAE 906 gewwa Hompesch Road, Fgura huwa kien involut f’incident tat-traffiku ma’ Joseph Demicoli.

Mhuwiex minnu li dan l-incident gara tort u htija tal-esponenti, kif qed isostni Joseph Demicoli, izda dan gara tort u htija tal-istess Joseph Demicoli li qabad u ghamel sorpass, u b’hekk

qasam il-linja medjana tat-triq u dana b'mod l-aktar negligenti u imprudenti, bir-rizultat li habat mal-vettura tal-esponenti u dana kif sejjer jigi spjegat ahjar tul il-mori tal-kawza.

Huwa minnu li Joseph Demicoli korra f'dan l-incident, izda huwa m'ghandu l-ebda debilità ta' natura permanenti konsegwenza tal-griehi li sofra fl-incident u dana kif sejjer jigi pruvat waqt il-kawza.

In vista tas-suespost, it-talbiet ta' Joseph Demicoli fil-konfront tal-esponenti ghandhom kollha jigu michuda bl-ispejjez.

Rat illi fl-udjenza tal-31 ta' Ottubru 2007 din il-Qorti diversament presjeduta ħatret lil Mr. Ray Gatt bħala perit mediku.

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, l-attur qiegħed jitlob lil din il-Qorti ssib illi l-konvenut huwa responsabbli għall-inċident stradali li seħħ fil-26 ta' Ottubru 2006 u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut iħallas danni lill-attur.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-fatti tal-każ huma dawn. Fis-26 ta' Ottubru 2006 seħħ inċident stradali ġewwa Hompesch Road, Fgura. Involuti f'dan l-inċident kien hemm l-attur li kien qiegħed isuq mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni FAN 618 u l-konvenut li kien qiegħed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni EAE 906. L-attur kien qiegħed isuq lejn id-direzzjoni tal-Fgura filwaqt li l-konvenut li kien qieghed ipparkjat iħares lejn id-direzzjoni tal-Fgura għamel manuvra ta' *U Turn* sabiex imur lejn Ħaż-Żabbar. Kif kien qiegħed jagħmel din il-manuvra, speċifikament kif kien wasal f'nofsha u ċioè kif

kien ser idur sabiex jidħol fil-karreġġjata opposta seħħet il-kolliżjoni. Jirriżulta mir-ritratti eżebiti li l-ħabta seħħet viċin tal-linja medjana jekk mhux preciz fuq din il-linja li taqsam iż-żewġ karreġġjati. Jirriżulta wkoll li l-ħsara li sofra l-konvenut fil-vettura tiegħu hija fuq quddiem fuq in-naħa tax-xufier.

Dwar ir-responsabbiltà għal dak li seħħ, il-Qorti tqis illi huwa prinċipju stabbilit skont artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili li kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bil-ħtija tiegħu. Artikolu 1032 imbaghad jgħid espressament illi jitqies fil-ħtija min fl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja. Dan sew jekk si tratta minn rapport kontrattwali (artikolu 1132 tal-Kodiċi Ċivili) kif ukoll dak extra kontrattwali (artikolu 1032 imsemmi). B'mod partikolari, skont l-artikolu 1033 imbaghad, kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mill-liġi, huwa obbligat li jagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri minħabba f'hekk.

Kif qalet din il-Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Dottor Remigio Zammit Pace noe vs Reginald Fava et noe et, deċiża fil-25 ta' Marzu 2004:

> *"In tema ta' dritt jingħad, skond l-artikoli 1031, 1032 u 1033 tal-Kodiċi Ċivili, li hi l-liġi komuni applikabbli għal kulħadd indistinament, li "kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu", u "jitqies fi ħtija min ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja". L-istess liġi hi mbagħad daqstant ieħor kategorika u ċara dwar il-punt illi "kull min … mingħajr ħsieb li jagħmel jew jonqos li jagħmel id-doveri imposti mill-liġi, huwa obbligat għall-ħsara li tiġi minn hekk". Tali prinċipji jabbraċċjaw l-attijiet ta' kummissjoni kif ukoll ta' omissjoni. Kif intqal fil-kawza "***Bonnici vs Mizzi***", deċiża minn din il-Qorti fit-28 ta' Marzu, 2003, b'approvazzjoni għal dak li ntqal f'ġudikat anterjuri, "Si ha colpa ed il quasi delitto quando vi ha la violazione di un dovere od una volontaria omissione di diligenza, per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui senza volerlo, ed anche senza avvedersene" – Vol.XXIV.I.172'*.

L-attur jippremetti li għall-inċident u konsegwenzjali danni jaħti unikament il-konvenut minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku meta l-istess konvenut ipprova jagħmel manuvra ta' *U Turn* b'konsegwenza li daħal fl-attur li kien ġej minn warajh. Fid-dikjarazzjoni li rrilaxxa lill-pulizija wara l-inċident huwa qal hekk:

> "*Jien kont miexi lejn il-Fgura fi Triq Hompesch, Fgura u f'daqqa waħda karozza li kienet ipparkjata għamlet U Turn u tani d-daqqa. Meta x-xufier tal-vettura niżel sabiex jara x'kien ġara huwa qalli li minflok kien għafas il-brake bi żball għafas il-gas. Ngħid ukoll li jien mort in-naħa l-oħra tat-triq bl-impatt tal-vettura*."

Il-konvenut jeċċepixxi li għall-inċident jaħti l-attur li kien qiegħed jagħmel manuvra ta' sorpass u b'hekk qasam il-linja medjana tat-triq b'mod negliġenti u imprudenti bir-riżultat li ħabat mal-vettura tiegħu. Huwa jeċċepixxi wkoll illi l-attur ma sofra ebda debilità ta' natura permanenti konsegwenza tal-ġrieħi li sofra fl-inċident. Fid-dikjarazzjoni li rrilaxxa lill-pulizija wara l-inċident huwa qal hekk:

> "*Jien kont ipparkjat u kif kont ħiereġ wara li kienu ċedewli n-nies, ħriġt u kif ħiereġ minn mal-ġenb tiegħi naħa lemin ġie mutur u hekk kif rajt il-mutur tfixkilt u minflok għafast il-brake għafast il-gas*."

Fl-iskizz li sar mill-pulizija l-vettura tal-konvenut hija indikata li kienet instabet kważi kompletament fuq il-karreġġjata opposta meta seħħ l-inċident, iżda minn eżami tar-ritratti u *videos* eżebiti mill-konvenut, liema ritratti u *videos* ittieħdu minnu dak il-ħin stess wara l-inċident, ma jirriżultax illi l-iskizz huwa preċiż in kwantu li l-vettura tal-konvenut kienet tinsab biss in parte fuq il-karreġġjata opposta. Il-vettura kienet fil-fatt fil-maġġor parti tagħha fuq il-marki tat-triq li jindikaw il-linja medjana, jiġifieri meta seħħ l-inċident il-konvenut kien laħaq għamel kważi nofs il-manuvra ta' *U Turn* b mod illi huwa kien jinsab perpendikulari mal-karreġġjati tat-triq in kwistjoni.

Mill-provi prodotti jirriżulta wkoll li kawża tal-kolliżjoni l-mutur tal-attur waqaf mal-parti ta’ quddiem tal-vettura tal-konvenut filwaqt illi l-attur, li waqa’ minn fuq il-mutur tiegħu mal-impatt mal-vettura tal-konvenut, spiċċa fit-triq ftit metri ‘l bogħod mill-*point of impact* speċifikament fil-karreġġjata opposta jiġifieri f’dik direzzjoni lejn Ħaż-Żabbar.

Fid-dawl tal-fatt illi l-partijiet ma jaqblux fil-verżjonijiet tagħhom dwar kif seħħ l-inċident in kwistjoni, jeħtieġ illi l-Qorti tanalizza l-provi miġjuba a bażi ta’ kriterji oġġettivi bħalma huma r-regolamenti tat-traffiku kif ukoll il-konsistenza u verosimiljanza tax-xhieda sabiex tiddetermina l-kawża prossima li wasslet għall-inċident. Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Hugh P Zammit noe vs Keith Farrugia, deċiża fit-28 ta’ Ġunju 2001, din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk:

> *"Illi l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fil-kawza fl-ismijiet "Jesmond Bonello vs Giulio Baldacchino" deciza fil-15 ta’ Jannar, 1997 (Cit. Nru. 468/93), ikkonfermata fis-sentenza "Emmanuel Genovese vs Mario Borg" - P.A. (RCP) 12 ta’ Dicembru 2000) inghad illi:-*
>
> *"f’materja ta’ determinazzjoni ta’ responsabilità ghall-incident awtomobilistiku l-Qorti ghandha dejjem tiggudika a bazi ta’ dak li jirrizultalha li kienet il-kawza prossima u immedjata tieghu u tapplika ghalih ir-regoli li s-sewwieqa kienu obbligati josservaw u jobdu. F’materja ta’ sewqan huma r-regolamenti u t-tharis u l-ksur taghhom li jaddebitaw ir-responsabilita’ u mhux l-ekwità u gudizzju approssimattiv. Huma dawn ir-regolamenti li ghandhom jigu rigidament applikati. Dan biex jigi assigurat l-ordni, fir-rispett ta’ l-istess regolamenti, li wahdu jista’ jipprevjeni l-incidenti".’*

Fir-rigward tar-responsabbiltà tal-konvenut għall-inċident, il-Qorti ssib li huwa kien imissu li qabel ma jittenta li jagħmel *U turn*, jispezzjona sewwa t-triq sabiex jivverifika jekk kienx ġej traffiku minn warajh, u dan jinkludi muturi li huma iżgħar u għaldaqstant sewwieq ta’ vettura jrid joqgħod aktar attent sabiex jarahom. Il-konvenut kellu jara li ma jostakolax it-triq għal kullħadd u mhux jagħmel *U Turn* sempliċiment għaliex il-

vettura ta' warajh waqfet biex ikun jista' jdur. B'żieda ma dan, fil-fehma tal-Qorti, lanqas ma jirriżulta li l-konvenut seta' jagħmel il-manuvra li ried jagħmel stante li kif spjega l-ispettur Spiteri fix-xhieda tiegħu, il-marki tal-karreġġjata li jifirdu ż-żewġ karreġġjati tat-triq in kwistjoni għandhom jitqiesu bħala *centre strip* impenġija mal-art jiġifieri linja kontinwa. Minkejja li l-marki in kwistjoni mhumiex speċifikament spjegati la fil-*Highway Code* u lanqas fir-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġjata, tenut kont tan-natura ta' triq in kwistjoni li hija traffikuża, huwa inkonċepibbli l-argument tal-konvenut illi l-linji in kwistjoni huma '*broken*' u għaldaqstant ma kellu ebda dritt illi jagħmel il-manuvra li kien qiegħed jittenta. Kemm il-*Highway Code* kif ukoll ir-Regolamenti imsemmija jispjegaw x'inhi linja bajda mhux kontinwa u l-marki in kwistjoni ċertament ma jikwalifikawx bħala linji mhux kontinwi. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti hija disposta li taqbel mal-ispettur Spiteri li l-linji in kwistjoni juru *centre strip* mal-art li taqsam iż-żewġ karreġġjati bil-konsegwenza li ċertament mhuwiex post fejn sewwieq jista' jagħżel illi jagħmel *U Turn*, li minnha nnifisha hija skabruza.

Kif diġà ngħad is-sewwieq ta' vettura mhux biss irid joqgħod attent li m'humiex ġejjin vetturi qabel jagħmel manuvra fit-triq iżda wkoll irid joqgħod attent li ma jkunx ġej xi mutur illi huwa iżgħar u aktar diffiċli biex sewwieq jarah. Hija r-responsabbiltà ta' kull sewwieq li jżomm *a proper lookout* speċjalment meta jkun qiegħed jagħmel manuvra perikoluża u riskjuża bħal ma hija *U-turn*. Mutur ghandu kull jedd juza t-triq u ghandu wkoll il-jedd li jigi protett mill-periklu bla bzonn bhal ma ghandha jedd kull vettura ohra debitament licenzjata biex tuza t-triq. Kif ingħad minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Dottor Louis Bianchi noe vs Michelle Cassar**, deċiża fis-6 ta' Novembru 1998:

> "*Huwa ndubitat li l-konvenuta, kif jissottometti l-attur, kienet obbligata żżomm a proper look out, speċjalment fi triq bħal din in kwistjoni. Infatti, fis-sentenza ferm studjata fl-ismijiet* ***Giuseppa Debono vs Philip Camilleri et****, (Vol. XLVI.I.112), l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell kellha l-okkażjoni tgħid li "tnejn huma l-prinċipji ġeneralment akkolti fid-duttrina u fil-ġurisprudenza estera u lokali, in*

*materja ta' inċidenti ta' traffiku stradali, li għandhom jirregolaw l-investimenti ta' vetturi, jiġifieri: (a) hu obbligu ta' kull sewwieq li jirregola s-sewqan skond il-kondizzjonijiet u ċ-ċirkostanzi, bħalma huma l-ħin ta' bil-lejl, il-viżwali ostakolati bid-dlam u bix-xita, il-piż tal-vejikolu, l-istat ta' l-art, u rapporti oħra kontinġenti u (b) hu anke dmir ta' sewwieq li jżomm dik li komunement tissejjaħ a reasonable look out, liema dmir iġib miegħu li s-sewwieq jara dak li jkun raġonevolment viżibbli..."*

Fil-kawża fl-ismijiet **John Soler et vs Claire Gove et**, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-14 ta' Ottubru 2003 intqal hekk:

"*Principju legali relatat, anzi inerenti ghall-premess, hu dak li jimponi fuq kull sewwieq l-obbligu li fis-sewqan tieghu jzomm a proper look out. Dan l-obbligu huwa korollari ghal-princiju li sewwieq ghandu l-oneru li fis-sewqan tieghu juza dik id-diligenza mistennija minn bonus paterfamilias u li hija ragjonevoli tenut kont tac-cirkotanzi: bhal ma huma l-konfigurazzjoni tat-triq, il-frekwezna tat-traffiku fit-triq principali, id-dawl, il-vizwali u cirkostanzi partikolari ohra li jistghu jirrikjedu grad ta' attenzjoni gholi mis-sewwieq li jrid jinserixxi ruhu go main road."*

Certament l-istess għandu japplika għal sewwieq li jkun ser jittanta jagħmel manuvra perikoluża bħal ma hija *U Turn* fi triq traffikuża bħal ma hija dik in kwistjoni. L-istess Qorti imbaghad kompliet hekk:

"*Tnejn huma l-principjі generalment akkolti fid-duttrina u fil-gurisprudenza estera u lokali, in materja ta' incident ta' traffiku stradali, li ghandhom jirregolaw l-investiment ta' vetturi, jigifieri: (a) hu obbligu ta' kull sewwieq li jirregola s-sewqan skond il-kondizzjonijiet u c-cirkostanzi bhala ma huma l-hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, il-piz tal-vettura, l-istat tal-art u cirkostanzi ohra kontingenti, u (b) hu d-dmir ta' sewwieq li jzomm dak li komunament tissejjah a reasonable look out, liema dmir igib mieghu li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli…." Reasonable look out ifisser id-dmir li ssewwieq*

*jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli jew ahjar in plain view. "The duty to look implies the duty to see what is in plain view". Konformament mal-premess u b'applikazzjoni tal-premess ghandu relevanza qawwija ghal kaz in disamina, dak li osservat l-Onor. Qorti tal-Appell Kriminali li jekk sewwieq isostni li ma rax il-vettura l-ohra gejja, "din hi auto inkolpazzjoni, ghaliex jekk seta' (kif ic-cirkostanzi stradali juru li seta') u kien imissu rah, u ma rahx, sinjal li ma kienx qieghed attent kif kellu jkun jekk ried izomm a proper look out".*

Madankollu, minkejja li l-konvenut ma rnexxilux jipprova sal-grad rikjest mill-liġi u ċioè dak tal-probbabilità li l-attur kien qiegħed fil-karreġġjata opposta meta seħħ l-inċident, il-Qorti hija tal-fehma li l-provi prodotti juru li l-attur lanqas ma kien qiegħed isuq f'nofs il-karreġġjata ossija direttament wara l-vetturi l-oħra fit-triq, iżda fit-tarf tal-karreġġjata sabiex isuq *parallel* mal-vetturi li kienu qegħdin jinstaqu fit-traffiku. Kawża tal-inċident il-vettura tal-attur sofriet *puncture* u ħsara fir-rota u għaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li ftit seta' kien hemm bogħod bejn fejn seħħ l-inċident u fejn jidhru li qegħdin il-vettura u l-mutur fir-ritratti u *videos* eżebiti mill-konvenut. Fil-fatt, kemm il-vettura tal-konvenut kif ukoll il-mutur tal-attur soffrew biss ħsarat relattivament żgħar. Kieku l-impatt kien tant qawwi li l-vettura u l-mutur għamlu ċaċlieq sostanzjali mill-post fejn seħħet il-kolliżjoni, il-ħsara kienet tkun akbar u għaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li l-inċident seħħ viċin il-linja medjana li taqsam il-karreġġjati u mhux f'nofs il-karreġġjata kif isostni l-attur. Il-Qorti ma tikkunsidrax illi hija verosimili l-verżjoni li qiegħed jiprova jpinġi l-attur illi wara li seħħ l-impatt il-konvenut kompla jsuq sakemm spiċċa fit-tarf tal-karreġġjati. L-attur jgħid illi l-vettura u l-mutur spiċċaw fuq il-linja medjana għaliex l-konvenut għafas il-gas u mhux il-*brake* mal-kolliżjoni iżda fil-fehma tal-Qorti, il-konvenut seta' għamel hekk ftit sekondi qabel ma seħħ l-inċident u mhux wara meta fi kwalunkwe każ il-ħsara fil-vettura ma tantx setghet tippermetti moviment.

Inoltre, il-konvenut kien laħaq għamel nofs il-manuvra viċin il-linja medjana propju għaliex mill-provi prodotti jirriżulta li l-konvenut ried jagħmel *U Turn* sabiex jidħol fil-karreġġjata l-

opposta – xi ħaġa li ma setax jagħmel fiżikament li kieku ma għamilx il-manuvra viċin tal-linja medjana. La l-konvenut neċessarjament kellu jkun viċin il-linja medjana u kien laħaq għamel nofs il-manuvra li kien qiegħed jipprova jagħmel, li kieku l-attur kien qiegħed isuq f'nofs il-karreġġjata, l-impatt tal-mutur tal-attur mal-vettura kienet tkun mal-parti ta' wara tal-vettura tal-konvenut u mhux mal-parti ta' quddiem.

Propju dwar din il-prassi ta' sewqan da parti ta' sewwieqa tal-muturi li jsuqu *parallel* mal-vetturi fit-traffiku, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Raymond Azzopardi vs Denise Buhagiar, deċiża fis-16 ta' Diċembru 2004, qalet hekk:

> *"Però anke li kieku, ghall-grazzja ta' l-argument, il-habta sehhet fil-karreggjata tal-vetturi telghin it-tela' – u mhux fil-karreggjata opposta – din il-Qorti xorta wahda hija tal-fehma li l-habta sehhet unikament minhabba nuqqas ta' attenzjoni u prudenza da parti ta' l-attur. L-attur jippretendi li huwa kien qed jissorpassa b'mod regolari. Din il-Qorti assolutament ma taqbilx. Meta si tratta ta' karreggjata wahda fl-istess direzzjoni, bhalma kien il-kaz odjern, sorpass ifisser li l-vettura li tkun wara vettura ohra (irrispettivament minn jekk wahda hix motorcycle u l-ohra karozza) taqbez lil dik ta' quddiemha biex tiehu postha quddiem dik il-vettura li tkun hekk inqabzet. F'dan il-kaz ma kien hemm ebda manuvra ta' sorpass f'dan is-sens, izda kien hemm semplicement manuvra min-naha ta' l-attur (u possibilment anke siehbu iehor li kien fuq mutur iehor warajh) "to jump the queue" tal-vetturi li kienu telghin bil-mod it-tela' tax-Xemxija billi joholqu "flow" ta' traffiku parallel ghal dak li kien tiela f'karreggjata wahda li suppost tiehu linja wahda ta' traffiku u mhux tnejn. Huwa ghalhekk li l-attur jghid – ara d-deposizzjoni aktar 'l fuq riportat – li huwa kien qed isuq fil-"lane" tieghu però fuq in-naha ta' barra ta' dak il-"lane". Huwa ghalhekk ukoll li huwa ma ndunax bl-iSkoda li kienet waqfet ghax ma kienitx l-intenzjoni tieghu li jsib postu quddiem din il-karozza izda li jibqa' jsuq parallelament mas-serbut tal-karozzi, hafna minnhom weqfin. Din hija prassi, specjalment fejn si tratta ta' motorcycles, sfortunatement prevalenti hafna izda li però hija wkoll perikoluza hafna.*

*Sewwieqa ta' motorcycles ghandhom jiftakru li proprju minhabba d-daqs u l-konfigurazzjoni tal-vettura taghhom, huma anqas vizibbli minn karozza, u meta joholqu "flow" ta' traffiku parallel ghal dak li jkun ghaddej minn karreggjata singola ikunu qed jirriskjaw li jahsdu kemm vetturi li jkunu sejrin fl-istess direzzjoni kif ukoll vetturi li ghal xi raguni jkollhom jaqsmu dik il-karreggjata."*

F'din il-kawża, il-Qorti tal-Appell qablet mal-konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti li l-konvenuta li kienet ħierġa minn *side street* għal fuq triq prinċipali ma kinitx responsabbli għall-inċident minħabba li hija kienet ħadet il-prekawzjonijiet kollha qabel saqet iżda bil-mod li kien qiegħed jinstaq il-mutur tal-attur *parallel* għall-*flow* ta' traffiku ta' vetturi, il-konvenuta ma setgħetx tarah.

B'żieda ma dan, kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Horace Balzan Falzon Wintrup vs Joseph Attard, deċiża fit-30 ta' Lulju 2010:

*"Issa, hija prassi prevalenti -- ghalkemm wahda li giet kastigata bhala perikoluza hafna minn din il-Qorti, diversament komposta -- li meta t-traffiku jkun miexi bilmod jew ikun wieqaf, il-mutur meta mqabbel ma' vettura hu izghar u idjaq fid-daqs tieghu u ghalhekk ghandu l-vantagg li jista' jibqa' ghaddej fi triqtu minn bejn il-vetturi li jkollu quddiemu. Izda, l-grad ta' responsabbiltà tas-sewwieq ta' mutur hu ferm ghola minn dak ta' sewwieqa ohra. Biex igawdi l-vantagg li jista' jimmanuvra bejn il-vetturi li jsib fil-karreggjata tieghu, irid joqghod attent hafna u jiehu l-prekawzzjonijiet kollha mehtiega, irid jaghti kaz tas-sinjali tat-traffiku u l-marki tat-triq u jobdi r-regolamenti tat-traffiku. Il-paragrafu 74 tar-"Rules for Motorcyclists" tal-Highway Code jipprovdi li:*

*"You should be aware of what is behind you and to the sides before manoevring. Look behind you; use the fitted mirrors. <u>When overtaking traffic queues look out for pedestrians crossing between vehicles and vehicles emerging from junctions."</u> (sottolinear ta' din il-Qorti).'*

Il-Qorti tal-Appell għamlet riferenza wkoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Ingliż fl-ismijiet Brooks vs Burgess, deċiża fid-29 ta' Ottubru 1996 fejn Lord Justice Simon Brown jagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:

> "*He was not going fast in the sense that he was going over the speed limit. I found that he was going well under the speed limit of 20 miles an hour. But, nevertheless, it would have behoved him to take extra care at the junction and, indeed, the authority, particularly of Clarke v Winchurch [1969] 1 All.ER 275 at page 277, says this, reading from the judgment of Lord Justice Phillimore: 'If you have a small vehicle like a bicycle or motorcycle, you are in the fortunate position of taking up so little roadspace that you can slide in the offside but if you choose to do this it does seem to me to warrant a very, very high degree of care indeed because you are blinded to a great extent to what goes on on the lefthand side of the road. You must therefore continue to ride or drive in such a way that you can immediately deal with an emergency*."

Mir-ritratti u *videos* eżebiti huwa ċar li fil-fatt il-karreġjata in kwistjoni hija wiesa biżżejjed biex jinstaqu kemm vettura u mutur ħdejn xulxin, għalkemm kif diġa ngħad din hija prassi perikoluża da parti ta' sewwieqa ta' muturi. Fil-kaz in ezami, ghalkemm, kif intqal, is-sewwieq tal-mutur kien qieghed jesegwixxi sorpass pjuttost skabruz, din il-Qorti ma tqisx li ghandha tikkontribwixxu lilu parti mit-tort, u dan, ghaliex kienet il-manvura tal-konvenut li wasslet ghall-incident. Kien il-konvenut li zbalja u ghalhekk ghandu jkun hu li jbati t-tort.

Il-Qorti hija tal-fehma li f'dan il-każ, il-vettura li waqfet sabiex il-konvenut ikun jista' jagħmel il-manuvra li ried jagħmel intortament ostakolat kemm il-*line of vision* tal-konvenut kif ukoll dik tal-attur li kien qiegħed isuq fuq in-naħa ta' barra bl-intenzjoni li jkompli jsuq *parallel* mat-traffiku. Mill-posizzjoni tiegħu fit-tarf tal-karreġġjata l-attur ma setax jara l-vettura tal-konvenut meta beda jagħmel il-manuvra ta' *U Turn* u filfatt l-inċident seħħ meta l-konvenut ġie biex ikompli l-manuvra tiegħu billi jdur għall-karreġġjata opposta. Is-sewwieq tal-mutur ma setax ragonevolment jipprevedi illi vettura li ma

kienitx fil-line of vision ser iddur b'dak il-mod altament negligenti f'dawk ic-cirkostanzi ta' traffiku.

Filwaqt illi l-konvenut jgħid illi dak inhar mal-art kien hemm il-*brake marks* li kienu tal-mutur tal-attur, il-Qorti kkunsidrat illi ma saret ebda riferenza għall-*brake marks* mill-pulizija li ħejjew l-iskizz tal-inċident u tenut kont tal-fatt illi kien qiegħed jidlam meta seħħ l-inċident u t-triq hija waħda traffikuża, kif qal l-ispettur Spiteri, ma jistax jiġi determinat li l-*brake marks* li jgħid illi ra l-konvenut kienu fil-fatt tal-attur. Il-Qorti hija tal-fehma li ma ġiex ipprovat illi l-veloċità li biha kien qiegħed jinstaq il-mutur ikkontribwit għall-inċident in kwistjoni.

Għalhekk ir-responsabbilità għall-inċident għandha tiġi akkolta fuq il-konvenut li kien qiegħed jagħmel *U turn* perikoluż u kontra r-regolamenti tat-traffiku biex imur lejn Ħaż-Żabbar. Il-konvenut kien obbligat li jkun pjenament a konoxxenza tal-posizzjoni tal-moviment tat-traffiku li jkun qed isegwih fil-mument li jkun ser jittanta manuvra riskjuża bħal ma hija *U turn*.

Dwar danni, jirriżulta mill-provi li kawża tal-inċident l-attur sofra ħsara kemm materjali konsistenti fi ħsara fil-mutur tiegħu, spejjeż mediċi u telf ta' salarju kif ukoll debilità permanenti fuq il-persuna tiegħu. In materja ta' danni, artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili jgħid hekk:

> "*(1) Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qliegħ ieħor attwali, u t-telf ta' qliegħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċita` għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib.*
>
> *(2) Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċità tiġi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, u b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapaċita ikkaġunata, u kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara.*"

L-attur ippreżenta kopji ta' rċevuti ta' spejjeż mediċi li nkorra kawża tal-inċident (Lm42), kif ukoll survey ta' kemm se tiswih sabiex jagħmel tiswijiet neċessarji fil-mutur tiegħu (Lm140) li kien qiegħed isuq dak inhar tal-inċident.  Dawn jammontaw għal Lm182, llum €424.

Jirriżulta wkoll illi l-attur ma setax imur għax-xogħol għall-perjodu ta' żmien b'konsegwenza li kellu jieħu sbatax-il ġurnata *sick leave* u għalhekk ġie mnaqqas mis-salarju tiegħu l-ammont ta' €899.71 u dan skont d-dokument FA8 esebit mix-xhud Anthony Farrugia, rappreżentant ta' Malta Shipyards Limited.

B'hekk l-ammont komplessiv li tilef l-attur bħala danni konsegwenza ta' dan l-inċident qegħdin jiġu likwidati fl-ammont ta' €1323.71 bħala *damnum emergens*.
Skont artikolu 1045, il-kwantifikazzjoni ta' danni tibqa' fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, tenut kont taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ.  Fis-sentenza fl-ismijiet Paul Debono vs Malta Drydocks, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-27 ta' April 2005 ingħad hekk:

> "*Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-rizarciment hi certament fis-sistema legali taghna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qliegh futur minhabba l-inkapacità. Il-ligi mbaghad thalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati c-cirkostanzi tal-kaz, ix-xorta u grad ta' l-inkapacità, u l-kondizzjoni tal-parti danneggjata, tistabbilixxi s-somma rizarcitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuza, kif hekk jirrizulta minn semplici raffront tad-diversi decizjonijiet in materja*."

Id-diżabilità permanenti li sofra l-attur konsegwenza ta' dan l-inċident ġie stabbilit mill-perit mediku fir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%).  Ma jirriżultax illi dan ir-rapport ġie kkontestat mill-konvenut u għaldaqstant din il-Qorti sejra taddotta l-imsemmi perċentwali ta' 5% fil-kalkoli tagħha.  Fi żmien illi seħħ l-

inċident l-attur kien jaħdem il-Malta Shipyards bħala Tank Cleaner.

Fir-rigward tal-multiplier, f'każijiet bħal dan illi għandha quddiemha l-Qorti llum, normalment ma jsirx sempliċi tnaqqis bejn l-età tal-irtirar u l-eta` tal-persuna fil-mument tal-inċident iżda l-multiplier irid jinkorpora ġo fih l-element ta' *chances and changes of life or vicissidtudes of life*. Kif qalet din il-Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Josephine-Carmen Cunningham et vs John Grech et fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Jannar 2016, dawn ġew definit hekk:

> "*In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income." (The Law of Tort - W.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. P.228).'*

Hawnhekk issir riferenza għal ġurisprudenza estensiva ta' din il-Qorti diversament presjeduta fir-rigward tal-komputazzjoni magħmula f'kawżi simili wara inċidenti li jinvolvu dizabilità permanenti bħalma hija dik fl-ismijiet Laurence Saliba vs Bezzina Ship Repair Yard (C8570) deċiża fit-12 ta' Novembru 2012, fejn ingħad illi:

> "*Il-Qorti thoss li hemm bzonn ta' certu uniformità f'dan l-aspett li naturalment jghin biex wiehed ikun jaf min qabel kriterji regolari. Huwa veru li kull kaz trid tarah ghalih izda li jkun hemm skeda li l-konsulenti legali u ditti ta' insurance ikunu jistghu jirriferu ghaliha tkun ta' utilità kbira.*"

L-iskeda li ssir riferenza għaliha fis-sentenza appena citata ġiet applikata f'numru ta' sentenzi oħra ta' din il-Qorti diversament presjeduta bħal Godfrey Schembri vs Victor Portelli deċiża fit-2 ta' Novembru 2009 u Alex Azzopardi vs Anna Ellul et, deċiża fl-20 ta' Mejju 2013. Għaldaqstant, din il-Qori ser tapplika l-imsemmija skeda u fir-rigward tal-attur li f'dan il-każ kellu 38 sena fid-data tal-inċident, ser jiġi adoperat multiplier ta' 20 sena.

Fir-rigward tal-paga li kien jirċievi l-attur, jirriżulta li fis-sena 2006 li kienet is-sena tal-inċident, l-attur sofra tnaqqis fil-paga kif diġa ntqal. Fis-snin preċedenti l-medja ta' qliegħ gross li l-attur kien irċieva jammonta għall Lm 7036.40 llum €16,390. Jekk wieħed jikkonsidra li normalment il-paga minima nazzjonali tiżdied b'€303.78 kull sena, għal 20 sena, u jekk wieħed jieħu l-medja ta' salarju fi żmien l-inċident (€16,390) u dak tal-aħħar salarju (€16,390 + €6075.60 = €22,465.60) ossia l-medja bejn €16,390 u €22,465.60, dan iwassal għall-figura ta' €19,427.80 li għandha tiġi adoperata bħala multiplicand li jipprovdi wkoll għall-għoli tal-ħajja.

Finalment, in vista tal-fatt illi l-attur ser ikun qiegħed jirċievi somma kapitali f'daqqa iżda tenut kont tal-fatt illi l-likwidazzjoni qiegħda ssir kważi 9 snin wara li ġiet intavolata l-kawża, u dan effettivament ifisser li l-konvenut żamm f'idejh u gawda flus li jmissu lill-attur, iżda l-attur ser jieħu l-benefiċċju li jdaħħal flus bħala *lump sum,* din il-Qorti hija tal-fehma li għandu jsir tnaqqis ta' sitta fil-mija (6%) u ser tadotta dan it-tnaqqis bħala *lump sum reduction.*

Għalhekk, il-Qorti qiegħda tillikwida l-ammont dovut lill-attur bħala *lucrum cessans* kif ġej:

5% x 20 x €19,427.80 = €19,427.80 – 6% = €18,262.

Konsegwentement, meta ma' dan l-ammont jiġi miżjud l-ammont ta' €1,323.71 bħala *damnum emergens* iwassal għall-ammont komplessiv ta' €19,585.71.

Għalhekk u għal dawn il-ragunijiet, din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-inċident stradali tas-26 ta' Ottubru 2006 u tad-danni li ġarrab l-attur;
2. Tillikwida d-danni tal-attur fl-ammont ta' dsatax-il elf, hames mija u hamsa tmenin Ewro u wiehed u sebghin centeżmu (€19,585.71);
3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur l-ammont ta' dsatax-il elf, hames mija u hamsa tmenin Ewro u wiehed

u sebghin centeżmu (€19,585.71) in linea ta' danni bl-imgħax mid-data tas-sentenza.

Spejjeż jitħallsu mill-konvenut.

IMHALLEF

DEP/REG